# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 14**

**Rikors numru: 826/2005SM**

**Christopher Gauci**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment wara talba li ressaq Christopher Gauci ghar-rikuza tal-Onor. Imhallef Tonio Mallia milli jkun membru tat-tribunal li jisma' u jiddeciedi fuq dan il-kaz. Din it-talba saret peress illi l-imsemmi Imhallef, allura sedenti l-Prim Awla tal-Qorti Civili, kien sab lil Christopher Gauci responsabbli ta' "wrongful trading" u "fraudulent trading" fiz-zmien meta kien direttur tal-kumpanija Price Club. Il-kawzi

kienu fl-ismijiet “Borg Cardona noe vs Zammit et vs Zammit et” (rikorsi 26/03 u 27/03) decizi fit-12 ta’ Ottubru 2007; iz-zewg sentenzi gew konfermati minn din il-Qorti fl-14 ta’ Mejju, 2010.

Din il-Qorti ma tarax li huwa lok li tigi acettat it-talba ghar-rikuza. F’din il-kawza l-attur Christopher Gauci qed jikkontesta pretensjoni tal-konvenut li hu personalment ghandu jitqies debitur ghal hlas tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud. Fil-kawzi fuq imsemmija instab personalment responsabbli ghad-djun tas-socjeta`, pero`, dik il-Qorti ma qalitx x’inhuma d-djun jew min huma l-krendituri tal-attur.

Fil-kawzi l-ohra sar ezami tal-komportament tal-attur fil-waqt tat-tmexxija tas-socjeta` Price Club, izda dan bl-ebda mod ma jirrifletti fuq jekk il-konvenut f’din il-kawza ghandux jew le titolu ezekuttiv fil-konfront tal-attur. Kif u ghaliex l-attur instab personalment responsabbli ghad-djun tas-socjeta` ma jincidix fuq l-ezistenza o meno tal-krediti fil-konfront tieghu. Iz-zewg sentenzi aktar qabel imsemmija stabbilew li hu responsabbli ghad-djun tas-socjeta`; f’din il-kawza qed issir kontestazzjoni ta’ wiehed minn dawn il-pretizi djun. Il-materja hija totalment differenti u l-Imhallef Mallia, fiz-zewg sentenzi msemmija, ma qal xejn li b’xi mod jirrelata mal-meritu ta’ din il-kawza.

Del resto, iz-zewg sentenzi li ta l-Onor. Imhallef Tonio Mallia ghandhom effett limitat, ghax darba li s-sentenzi gew appellati u nghataw zewg sentenzi minn din il-Qorti, huma dawn l-ahhar zewg sentenzi ta' din il-Qorti li, se mai, huma ta' rilevanza u jorbtu lill-partijiet li kienu fil-kawzi. Ebda membru komponenti din il-Qorti f'din il-kawza ma kien membru tal-istess Qorti meta gew decizi z-zewg sentenzi aktar qabel imsemmija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba ta' Christopher Gauci ghar-rikuza tal-Onor. Imhallef Tonio Mallia.

L-ispejjez ta' dan l-incident jithallsu minn Christopher Gauci.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr